**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 13 ta' Gunju, 2002**

Citazzjoni Numru: **1176/89TM**

Numru**:**

**Carmelo Camilleri u martu Pauline Camilleri, Patrick Camilleri u l-istess Carmelo Camilleri bhala legittimu rapprezentant ta' bintu minuri Catherine Camilleri**

vs

**John Preca u Anthony J Mangion ghan-nom u in rappresentanza ta' Dredging Works Company Limited u b'verbal ta' l-4 ta' Novembru, 1999 giet kjamata fil-kawza l-Mediterranean Insurance Brokers Limited bhala agenti tas-socjeta' assiguratrici estera Assicurazioni Generali S.P.A., u Mediterrranean Insurance Brothers Limited u b'nota ulterjuri tat-2 t'Otubru, 2000, l-atti gew assunti minn Middle Sea Insurance p.l.c.**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni prezentata mill-atturi li fiha ppremettew illi Mark Anthony Camilleri kien impjegat tal-kumpanija konvenuta u dan miet fl-1 ta' Ottubru, 1988 f'Mdina Road, Qormi f'incident tat-traffiku meta kien qieghed isuq *motor-cycle* Suzuki Numru 7707 hu u gej lura mix-xoghol;

Ppremettew illi Mark Anthony Camilleri bhal l-impjegati l-ohrajn kollha tad-ditta konvenuta kien assikurat u kopert b'Group Personal Accident Insurance Policy Numru 87/00074/F320 li tipprovdi, fost ohrajn, beneficcju finanazjarju favur l-eredi f'kaz li xi impjegat imut f'incident;

Ippremettew illi l-kumpanija konvenuta qed ingustament tirrifjuta li thallas kwalsiasi beneficcju/kumpens finanzjarju u peress li qed tirritjeni li *"motor cycling"* huwa esklus u ghalhekk mhux kopert bil-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija;

Ippremetew illi l-atturi huwa l-werrieta tad-*decujus* Mark Anthony Camilleri;

Ippremettew illi d-*decujus* qatt ma gie nformat li mhux kopert bl-assikurazzjoni msemmija f'kaz li juza mutur ghat-trasport tieghu u dan meta l-kumpanija konvenuta ma tipprovdhiex trasport ghall-impjegati taghha;

Ippremettew illi fi kwalunkwe kaz l-eskluzzjoni fil-polza ta' l-assikurazzjoni fuq imsemmija ma tirreferix ghal trasport bil-mutur minn u lejn il-post tax-xoghol izda tirreferixxi ghal partecipazzjoni sportiva ta' *motor-cycling* fejn ir-riskju hu ovvjament ferm akbar.

Talbu biex ighidu l-konvenuti nomine ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1) tiddikjara li l-incident stradali u fatali li sofra Mark Anthony Camilleri fl-1 ta' Ottubru, 1988 kien kopert bil-polza ta' assikurazzjoni (Group Personal Accident Insurance Policy) Numru 87/00074/F320 fuq indikata;

2) Tillikwida l-ammont dovut lill-attur taht l-istess polza ta' assikurazzjoni u dawna bhala werrieta ta' l-imsemmi Mark Anthony Camilleri;

3) Tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu l-ammont li jigi hekk likwidat lill-atturi u dan bl-imghax dovut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li eccepixew li:

i) Illi l-konvenuti kienu koprew lil Mark Anthony Camilleri polza ta' assikurazzjoni previst fil-kuntratt tax-xoghol tieghu;

ii) Illi d-ditta konvenuta ma hija bl-ebda mod responsabbli ghall-incident li soffra Mark Anthony Camilleri ghad-danni naxxenti minn dak u ghalhekk bl-ebda mod ma tista tigi kundannata teffettwa ebda hlas;

iii) Illi in kwantu c-citazzjoni hija intiza biex tottjeni dikjarazzjoni li Mark Anthony Camilleri kien kopert ghal dak li jirrigwarda l-incident stradali in kwistjoni bil-polza ta' assikurazzjoni din it-talba ghandha tigi diretta kontra id-ditta assigurattrici in kwistjoni u d-ditta konvenuta bl-ebda mod ma tista' tirrispondi ghat-tali talba.

Rat id-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-15 ta' Jannar, 1990, li in forza tieghu gie mahtur bhala perit legali l-avukat (illum Magistrat) Dottor Tonio Micallef Trigona biex ifittex u jirrelata dwar it-talba jew it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut , u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz.

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit legali minnu mahlufa fl-udjenza tas-6 ta' Gunju, 1994;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Ottubru, 1995 li biha cahdet it-talbiet attrici;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-5 ta' Ottubru, 1998, li inforza taghha laqghet l-Appell, irrevokat is-sentenza ta' din il-Qorti, u rrimettiet l-atti lil din il-Qorti ghall-kontinwazzjoni biex din il-Qorti tordna li tigi kjamata fil-kawza u s-socjeta' assikuratrici Assicurazioni Generali s.p.a. u l-kawza titkompla anke fil-konfront taghha.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti ta' l-4 ta' Novembru, 1999, li in forza taghha ordnat il-kjamata in kawza ta' Mediterranean Insurance Brokers Limited bhala agenti lokali tas-socjeta' assikuratrici estera

Assicurazioni Genrali s.p.a. u ta' Mediterranean Insurance Brokers Limited.

Rat in-nota tas-socjeta' Middle Sea Insurance p.l.c. tat-2 ta' Ottubru, 2000, li in forza taghha assumiet l-atti tal-kawza bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' assikuratrici estera Assicurazioni Generali s.p.a.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza li in forza taghha eccepiet :-

1) In linea preliminari, l-eccipjent mhix il-legittima kontradittur ta' l-atturi billi ma ghandha ebda relazzjoni guridika maghhom u dan peress illi l-kontraenti tal-kuntratt ta' assikurazzjoni li fuqu l-atturi qed jibbazaw it-talbiet taghhom kienu s-socjeta' estera Assicurazioni Generali S.p.A. u s-socjeta' konvenuta mhux l-impjegati tas-socjeta' konvenuta fosthom Mark Anthony Camilleri. Ghalhekk l-eccipjent ghandha tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2) Bla pregudizzju ghall-premess ukoll in linea preliminari, l-azzjoni attrici fil-konfront tal-eccipjenti hija preskritta a tenur ta' l-art. 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Bla pregudizzju ghall-premess u fil-meritu, l-ewwel talba ta' l-atturi ghandha tkun respinta stante li l-incident stradali *de quo* ma kienx kopert mill-polizza ta' assikurazzjoni in kwistjoni;

4) It-tieni talba ghandha ghalhekk tkun michuda stante li ma hemmx lok ghall-likwidazzjoni ta' ebda indennizz favur l-atturi skond l-istess polizza;

5) Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata stante li ma hemmx lok ghall-kundanna ta' l-eccipjent ghall-hlas ta' xi ammont favur l-atturi;

6) Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Ottubru, 2001, li in forza taghha laqghet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' kjamata fil-kawza, u ddikjarat li t-talbiet in kwantu diretti kontra taghha kienu preskritti u, ghalhekk cahdet it-talbiet attrici in kwantu diretti kontra taghha, u ordnat il-prosegwiment tal-kawza fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ezaminat id-dokumenti esebiti u l-provi mressqa;

Rat li din il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkoncerna talba li l-eredi ta' Mark Anthony Camilleri ghamlu kontra s-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' kumpens that Polza ta' Assikurazzjoni li s-socjeta' konvenuta harget mas-socjeta' Assicurazioni Generali s.p.a. biex tkopri kontra incidenti jew hsara li jistghu jsofru l-impjegati taghha. L-imsemmi Mark Anthony Camilleri

kien impjegat tas-socjeta' konvenuta, u wara li miet f'incident tat-traffiku li sehh fl-1 ta' Ottubru 1988 (meta kien qed isuq mutur u jivvjagga ghax-xoghol), l-eredi tieghu fethu din il-kawza kontra s-socjeta' Dredging Works Company Limited ghall-hlas ta' kumpens taht il-polza ta' assikurazzjoni.

Illi kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha f'din il-kawza tal-5 t'Ottubru, 1988, id-dnub originali f'din il-kawza hu l-mod kif giet koncepita l-azzjoni. L-atturi jsostnu illi din ma hijiex azzjoni immirata ghad-dikjarazzjoni ta' responsabbilta' delitwuza jew kwazi delitwuza tas-socjeta' fil-konfront ta' l-awtur ta' l-atturi. L-atturi bl-ebda mod ma huma jaddebitaw xi htija lis-socjeta' konvenuta ghall-incident stradali li fih safa' imtajjar u konsegwentement miet l-awtur ta' l-atturi. Indipendentement minn din il-htija, li tkun trid tohrog minn ezami tad-dinamika tas-sinistru u minn ezami ta' l-addebiti li kellu jirrispondi ghalihom kull min kien involut fih, l-atturi qeghdin iharrku lis-socjeta' konvenuta ghal dikjarazzjoni li dan l-incident fatali kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni, msemmija fl-att tac-citazzjoni, u li konsegwentement huma kienu intitolati ghall-hlas ta' kumpens hemm miftiehem. L-azzjoni hi, allura, bazata fuq relazzjoni kontrattwali naxxenti minn polza ta' assigurazzjoni. L-ewwel talba timplika mhux biss dikjarazzjoni li kienet tezisti "Group Personal Accident Insurance Policy", li skond l-atturi kienet tkopri l-incident fatali *de quo*, imma wkoll u aktar, li dik il-polza, li l-ezistenza taghha bhala fatt ma jirrizultax kontestat, kienet fil-fatt tkopri lil u tapplika ghac-cirkostanzi li kienu taw lok ghall-incident stradali li fih safa mejjet l-awtur taghhom. Hi allura kawza ghar-risarciment ta' ammont "ex contractu".

Jirrizulta, pero', li l-uniku relazzjoni kuntrattwali li l-atturi ghandhom mas-socjeta' konvenuta, huwa obbligu fuq din ta' l-ahhar li tohrog koperta assikurattiva fuq il-haddiema taghha, u li, kull sena, thallas il-premium relattiva. Dan, il-kumpanija konvenuta, ghamlitu u baqghet thallas il-premiums relattivi zgur sa meta sehh l-incident in kwistjoni. Kienet, pero', il-kumpanija assikuratrici li dahlet fl-obbligu li tindenizza l-impjegati tas-socjeta' konvenuta f'kaz ta' xi incident.

Fil-fatt, il-kuntratt ta' assikurazzjoni meritu ta' dan il-kaz, jista' jissejjah bhala kuntratt a beneficcju ta' tezi, kopert bl-artikolu 1000 tal-Kodici Civili. Is-socjeta' konvenuta obbligat lis-socjeta' assikuratrici taghti beneficcju lill-terzi (*insurance coverage* ghall-haddiema taghha), liema, obbligazzjoni, imbaghad taghti azzjoni diretta lill-beneficcjarju kontra l-obbligat/debitur (ara "Millard vs Said" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Settembru, 1988).

L-atturi, f'din il-kawza, naqqsu li jfittxu lill-obbligat biex jonora dak li wieghed u meta, eventwalment, dan l-obbligat iddahhal fil-kawza, hu gie liberat mit-talbiet dedotti kontra tieghu ghax kien gie mharrek tard wisq.

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza parzjali taghha tal-5 ta' Ottubru, 1998, kienet osservat illi l-ewwel talba attrici hi sostenibbili biss fil-konfront tas-socjeta' konvenuta limitatament ghad-dikjarazzjoni ta' l-ezistenza tal-polza, u hija valida l-eccezzjoni tal-konvenuti nomine fir-rigward ta' din it-talba illi s-socjeta' konvenuta ma setghetx tirrispondi ghall-premessa jekk il-polza kenitx jew le tapplika fir-rigward ta' l-incident meritu tal-kawza u li ghal dan setghet biss tirrispondi s-socjeta' assiguratrici. It-tielet domanda

attrici li hi ghal kundanna tal-konvenuti nomine biex ihallsu l-ammont likwidati skond il-polza taht ezami tista' biss tkun sostenibbili kwante volte jigi pruvat illi s-socjeta' assiguratrici kienet obbligata thallas u jekk u meta effettivament ikun sar il-pagament fit-termini tal-polza.

Illi mill-premess jidher car li kull ma jista, issa, jigi deciz minn din il-Qorti, huma li tikkonferma kif fil-fatt qed tikkonferma, l-ezistenza tal-polza ta' l-assikurazzjoni, izda ma tisax tghid aktar minn hekk; ma tistax tippronunzja ruhha fuq it-tieni u t-tielet talbiet ghax din tkun sostenibbili biss kemm-il darba "jigi pruvat illi s-socjeta' assikuratrici kienet obblgiata thallas u jekk u meta effettivament ikun sar il-pagament fit-termini tal-polza". Dan, il-Qorti ma tistax taghmlu, ghax is-socjeta' konvenuta m'ghadhiex parti f'din il-kawza (u kwindi ma jistax jigi diskuss l-obbligazzjonijiet li jista' jkollha) u lanqas ma rrizulta li sar xi pagament mill-kumpanija assikuratrici fit-termini tal-polza.

Ghaldaqstant, fis-sitwazzjoni ta' l-atti fl-istat li huma, u ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, tillibera lill-istess socjeta' konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjez tal-kawza, hlief ghal dawk gia decizi, jithallsu mill-atturi.

**IMHALLEF**

**D/REG**

/ja